MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2013

Numru. 1252/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Calleja**

**vs**

**Christian Manicaro**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Christian Manicaro ta’ 28 sena, iben Anthony u Gloria imwielda Fenech, imwieled Pieta’ fid-9 ta’ Settembru 1984 u residenti 5 Gloria House, Melchiorre Gata’ Zejtun u detentur tal-karta tal-identita’ numru 432784(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Gewwa Hal Qormi, Hal Ghaxaq u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, f’Gunju 2011 u fix-xhur u snin ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li

kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1) B'ghemil zieni kkorrompa lil VE, minuri ta' erbatax-il sena ;

2) Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l'eta u cioe l-imsemmija VE ;

3) Offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku u/jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta' Mejju 2013 (esebit a fol. 11 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2013 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-28 ta' Mejju 2013 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u l-fatt li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 203, 204C u 209 tal-Kodici Kriminali ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sena(1) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' sentejn(2) millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perijodu ta' tlett(3) snin millum fejn il-persuna protetta hija VE.

Il-Qorti qed tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta' isem il-minuri koncernata fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------